VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,619, 9 ta' Awwissu, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 276 of 2016**

## ATT DWAR L-GĦAQDIET TAL-PRODUTTURI (KAP. 447)

## Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam tal-Inbid

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 19 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam tal-Inbid, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-Qasam tal-Inbid, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 447.03

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

"2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Agrikoltura u tinkludi, u sa fejn tkun hekk awtorizzata, kwalunkwe persuna jew awtorità awtorizzata minnu biex taġixxi f'ismu għal finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"pressjoni ambjentali" tfisser kwalunkwe ħaġa li tista' taffettwa s-saħħa jew il-ħajja ta' annimal, pjanta jew sistema ekoloġika in ġenerali inklużi arja, art jew ilma.

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi.

**3.** Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "entità legali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "entità li għandha personalità legali separata u distinta minn dik tal-membri tagħha". Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

(a) il-paragrafi (a), (b) u (ċ) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (b), (ċ) u (d) rispettivament; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



(b) minnufih qabel il-paragrafu (b) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied il-paragrafu (a) kif ġej:

"(a) huma grupp ta' bdiewa rreġistrati bħala kooperattiva jew entità legal rikonnoxxuta oħra qabel ma japplikaw għar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi;";

(ċ) fil-paragrafu (d) tiegħu kif enumerat mill-ġdid, il-kelma "attivitajiet." għandha tiġi sostitwita bil-kelma "attivitajiet;"; u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu (e) li ġej;

"(e) jissottomettu d-dokumentazzjoni relattiva kollha mitluba mid-Direttur inklużi l-formuli mimlija kif suppost provduti mid-Direttur skont ir-regolament 7(b).".

Jissostitwixxi r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Dmirijiet tad-Direttur

7. Id-Direttur għandu:

(a) fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi applikazzjoni għar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi, jiddeċiedi jekk jagħtix dak ir-rikonoxximent jew le;

(b) fejn iqis li huwa neċessarju, joħroġ linji gwida fir-rigward ta' proċeduri amministrattivi li għandhom jiġu segwiti b'mod mandatorju mill-applikanti li jkunu qegħdin japplikaw għall-għarfien bħala għaqda tal-produtturi u joħroġ formuli li huma neċessarjament għall-kumpilazzjoni tal-applikazzjoni għar-rikonoxximent;

(ċ) jwettaq spezzjonijiet f'intervalli regolari biex jaċċerta li għaqdiet ta' produtturi jikkonformaw mat-termini u l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent:

Iżda fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, id-Direttur jista' jiddeċiedi li jirtira r-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi.".

Jemenda t-Taqsima III tar-regolamenti prinċipali.

**6.** It-Taqsima III tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-Taqsima III tagħhom għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Taqsima IV;

VERŻJONI ELETTRONIKA



(b) il-kelma "Penali" fit-Titolu tat-Taqsima IV kif enumerata mill-ġdid għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Sospensjoni u Irtirar tar-Rikonoxximent bħala Għaqda tal-Produtturi";

(ċ) ir-regolament 8 tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 9 u għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Sospensjoni tar-Rikonoxximent bħala Għaqda tal-Produtturi

**9.** (1) Jekk id-Direttur jistabbilixxi li għaqda tal-produtturi skont dawn ir-regolamenti tkun naqset milli tħares xi waħda mill-kriterji ta' rikonoxximent stabbiliti mir-regolament 4 u, jew b'xort'oħra kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, huwa għandu jinnotifika b'avviż bil-miktub lil dik l-għaqda tal-produtturi skont is-subregolament (2);

(2) Avviż notifikat lil għaqda tal-produtturi skont is-subregolament (1) għandu:

(a) jindika n-nuqqas jew il-ksur identifikat;

(b) jinħtieġ li l-għaqda tal-produtturi li lilha jiġi nnofitikat bih sabiex tieħu dawk il-miżuri korrettivi neċessarji li d-Direttur jista' jiddetermina sabiex tirrimedja, jew sabiex tipprevjeni il-kontinwazzjoni jew ir-repetizzjoni ta', kwalunkwe nuqqas jew ksur li miegħu jirrelata l-avviż;

(ċ) jiddikjara l-perijodu li fih għandha tikkonforma ma' kull ħtieġa:

Iżda dak il-perijodu ma għandux ikun itwal minn erba' xhur.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġijiet jew regolamenti oħra, in-nuqqas li jittieħdu l-miżuri korrettivi neċessarji indikati fl-avviż notifikat skont is-subregolament (1) fil-perjodu taż-żmien stipulat għandu iwassal għas-sospensjoni tar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi mid-Direttur, liema sospensjoni tieħu effett mid-data meta l-għaqda tal-produtturi tiġi notifikata bl-imsemmi avviż.

(4) Fil-każ ta' sospensjoni tar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi skont is-subregolament (3), id-Direttur għandu jinnotifika l-għaqda tal-produtturi b'tali sospensjoni u l-perjodu ta' sospensjoni:

VERŻJONI ELETTRONIKA



Iżda l-perjodu ta' sospensjoni ma jistgħax jeċċedi t-tnax-il xahar.

(5) Id-Direttur għandu jinforma lil awtoritajiet li jamministraw fondi pubbliċi kif huwa jidhirlu xieraq tas-sospensjoni tar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi.

(6) L-entità li r-rikonoxximent tagħha bħala għaqda tal-produtturi ġiet sospiża skont dan ir-regolament tista' tapplika bil-miktub lid-Direttur għal konsiderazzjoni mill-ġdid tas-sospensjoni fi żmien jumejn minn meta ġiet notifikata bl-avviż ta' dik is-sospensjoni.

(7) Jekk sat-tmiem tal-perjodu tas-sospensjoni l-għaqda tal-produtturi tieħu l-miżuri korrettivi neċessarji biex tirrimedja in-nuqqas u, jew il-ksur msemmi fis-subregolament (1), id-Direttur għandu jirtira s-sospensjoni.

(8) Fil-każ li tiġi irtirata s-sospensjoni, id-Direttur għandu jinforma l-awtoritajiet imsemmija fis-subregolament (5) tal-imsemmija irtirar tas-sospensjoni.".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

**7.** Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"L-irtirar tar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi.

**10.** (1) Sakemm l-għaqda tal-produtturi ma tieħux il-miżuri korrettivi neċessarji indikati fl-avviż li biha ġiet notifikata mid-Direttur skont ir-regolament 9(1) sal-aħħar tal-perjodu tas-sospensjoni, ir-rikonoxximent tagħha bħala għaqda tal-produtturi għandha tiġi rtirata mid-Direttur:

Iżda jekk l-irtirar tar-rikonoxximent tidħol fis-seħħ mid-data li fiha l-kundizzjonijiet tar-rikonoxximent ma ġewx imwettqa, jew jekk mhux possibbli li d-data tiġi identifikata, mid-data meta n-nuqqas li tiġi rispettata xi waħda mill-kriterji rikonoxxuti stabbiliti mir-regolament 4 jew mid-data meta jiġi stabbilit xi ksur ieħor ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Id-Direttur għandu jinforma lil awtoritajiet li jamministraw fondi pubbliċi kif huwa jidhirlu xieraq bl-irtirar tar-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi.

VERŻJONI ELETTRONIKA



"Dritt ta' Appell.

Kap. 490

**11.** (1) Jista' jsir appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv ta' Reviżjoni stabbilit skont l-artikolu 5(1) tal-Att dwar Ġustizzja Amministrattiva minn deċiżjoni tad-Direttur li jirtira r-rikonoxximent bħala għaqda tal-produtturi skont ir-regolament 10.

(2) Appell skont is-subregolament (1) jista' jiġi ppreżentat mill-entità li r-rikonoxximent tagħha bħala għaqda tal-produtturi ġie irtirat u għandu jiġi ppreżentat fi żmien għoxrin jum minn notifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-irtirar.

Kap. 12

(3) Kull parti f'appell quddiem it-Tribunal Amministrattiv ta' Reviżjoni li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal, li tħossha insodisfatta b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal, tista' fuq punt ta' liġi tappella quddiem il-Qorti tal-Appell kostitwita kif imsemmi fl-artikolu 41(6) fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-Qorti, fi żmien għoxrin jum mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal Amministrattiv ta' Reviżjoni.".

**8.** Minnufih wara r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied it-Taqsima III ġdida u r-regolament 8 ġdid li ġejjin:

"TAQSIMA III
Iż-Żamma u Moniteraġġ tal-Għaqda tal-Produtturi

"Dmirijiet ta' Għaqdiet tal-Produtturi.

**8.** Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe liġi jew regolamenti oħra, l-Għaqdiet tal-Produtturi għandhom:

(a) jimplimentaw azzjonijiet proposti kif imniżżla fil-programm tal-operat;

(b) iżommu u jaġġornaw id-*database* tas-sħubija tagħhom;

(ċ) jinfurmaw lid-Direttur bil-laqgħat kollha relattivi għar-Regoli tal-Assoċjazzjoni;

(d) jikkolabboraw mad-Direttur jew kwalunkwe uffiċċjal awtorizzat minnu kull meta jsiru spezzjonijiet;

(e) jipprovdu lid-Direttur jew xi uffiċċjal awtorizzat minnu b' kull *data* mitluba;

(f) jissottomettu sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru ta’ kwalunkwe sena kalendarja, rapport annwali dwar dik is-sena kalendarja li għandu jinkludi:

(i) progress fil-programmi operazzjonali implimentati matul dik is-sena kalendarja;

(ii) kwalunkwe tibdil fil-programmi operazzjonali li kienu mitluba mill-għaqda tal-produtturi u approvati mid-Direttur;

(iii) differenzi bejn l-għajnuna stamata u l-għajnuna li ġiet applikata għaliha;

(iv) sommarju tal-problemi li ltaqgħu magħhom fl-immanniġjar tal-programm u kwalunkwe miżuri meħuda sabiex jiġu assikurati l-kwalità u l-effettività tal-implimentazzjoni tal-programm;

(v) fil-każijiet fejn pressjonijiet ambjentali ġew eżerċitati, lista ta’ salvagwardji effettivi li huma fis-seħħ sabiex jipproteġu l-ambjent minn dawn il-pressjonijiet.".